MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Talba Numru. 857/2006

**Talba Nru: 857/06VGD**

Maltacom p.l.c. (C22334)

Vs

Carmel Attard (ID 382654M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf u seba u erbghin lira Maltin u disa centezmi (Lm1047.09c) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici in kwantu ghal ammont ta' Lm601.65c ghal servizz telefoniku li jgib in-numru

21380750 u in kwantu ghal ammont ta' Lm445.44 ghal servizz telefoniku li jgib in-numru 21578289, skond diversi kontijiet mibghuta lill-konvenut, li gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza, bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf u seba u erbghin lira Maltin u disa centezmi (Lm1047.09c), bl-imghax mid-data tas-sentenza. L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------